**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 21 ta' Gunju 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**
**(Spettur Elliott Magri)**

**Vs**

**James Tabone**

**Kump numru 443/2019**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **James Tabone** detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru **180283(M)**, fejn gie akkuzat talli nhar is-16 ta' April, 2017, ghall-habta tat-8:45 ta' filghodu, gewwa l-lokalita' ta' Santa Venera:

1**.** flimkien ma' persuna ohra mhux maghrufa, minn gewwa 'St. Philip's Hospital', kkommettejt serq ta' ram ghad-dannu ta' Dr. Frank Portelli u/jew ta' persuna jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

2. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, flimkien ma' persuna ohra mhux maghrufa, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamilt hsara gewwa 'St. Philip's Hospital', ghad-dannu ta' Dr. Frank Portelli u/jew ta' persuna jew persuni ohra, liema hsara tiskorri l-ammont ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500).

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tqis lil-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, u dan ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-Ufficjali Prosekuturi bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tat-22/07/2019 sabiex din il-kawza titmexxa bir-rit sommarju;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza tallum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat f'l-udjenza stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura u l-gravita` ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fis-sanzjoni.

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

**Konkluzjoni;**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 261(b)(c), 263, 267, 278(2), 279(a), 280(2), 325(1)(a), u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat James Tabone, hati, bhala recidiv, u fuq ammissjoni tieghu stess, tal-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u minflok piena qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin millum u dana ai termini ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lill-hati l-konsegwenzi jekk huwa jikser din l-Ordni mposta.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur